**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru. 15/2018 tat-Tielet Amministrazzjoni**

Data: 24 TA' SETTEMBRU 2018

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President u Sindku | Reġjun Xlokk/Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Lawrence Attard** | Kunsillier | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sra. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Vincent Borg** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Isla | SKUŻAT |
| **Sra Speranza Chircop** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | SKUŻAT |
| **Sur Francis Debono** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | PREŻENTI |
| **Sur Horace Gauci** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREŻENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Domenic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | ASSENTI |
| **Sur Vince Farrugia** | Kunsillier | Kunsill Lokali Valletta | ASSENTI |
| **Sur Anthony Valvo** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | PREŻENTI |
| **Sur Marc Vella Bonnici** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | ASSENTI |
| **Sinj. M. Doris Abela** | Sindku | Kunsill lokali Zejtun | SKUŻAT |
| **Sna Antonella Galea** | A/Segretarju Eżekuttiv | | |

## AĠENDA

15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

15.3 Komunikazzjoni mill-President;

15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

*KUNSILL LOKALI MARSAXLOKK – SINDKU HORACE GAUCI*
*"Wara l-komunikat li kellna l-Kunsilli Lokali mill-ERA rigward il-ġbir ta' skart riċiklabbli, u fid-dawl tal-fatt li GreenMT x'aktarx li se twaqqaf dan is-servizz, x'nistgħu nagħmlu bħala Kunsill Lokali? Nistgħu noħorġu tender bħala Reġjun (simili bħal ta' l-iStreet Lightining?"*

15.5 Rapporti;

15.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 85/2018;

15.7 Mozzjonijiet;

15.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**

**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**15.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia**

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li l-Kunsilli ta' Kalkara, Isla u Żejtun kienu avżaw sabiex jitolbu li jkunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħra. Ittri ta' Apoloġija

i.i Il-Kumitat Reġjonali Xlokk ħa nota u approva li l-Kunsilli ta' Kalkara, Isla u Żejtun jkunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

**15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** Iffirmar Minuti

i. Peress li l-Minuti numru 14/2018 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti 14/2018 liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv.

**15.3 Komunikazzjoni mill-President**

**i.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri membri li kien reġa talab differiment għax kien ser ikun imsiefer dakinhar tad-dehra l-Qorti fuq il-każ tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion. Każ Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

**ii.** Il-President nforma lill-Kumitat li l-LESA kienet għada mhix qed tħallas ir-*running costs* imma kienet qed tirrifondi biss is-salarji tal-impjegati. Żied jgħid li għalissa kienu għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet mal-partijiet konċernati u dan għaliex oriġinarjament mal-Ministru l-ftehim kien li dawn il-fondi jiġu kollha rifużi. LESA

**iii.** Il-President nforma lill-Kumitat li konna rcevejna talba mingħand il-Fundazzjoni St Jean Antide fejn dawn kienu qed jitolbu jekk kienx possibli li l-Kunsilli Membri jipprovdu xi għajnuna lill-Għaqda SOAR kif ukoll jekk dawk il-Kunsilli Lokali li jkunu ser itellgħu xi attivitajiet fil-lokalitajiet tagħhom, jkunux jistgħu jagħtuhom il-permess sabiex jintrama *stall* mingħajr ħlas. Ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali

iii.i Saret diskussjoni dwar dan u l-President Paul Farrugia nforma lill-Kumitat li bħala għajnuna finanzjarja ebda Kunsill ma setgħa jagħmel dan minħabba l-Liġi Finanzjarja li tirregola lill-Kunsilli Lokali. Pero żied jispjega li jekk il-Kumitat kien jaqbel kien setgħa jipprovdi lill-ħaddiema assenjati mar-Reġjun Xlokk sabiex jgħinu fl-iżbarazzar ta' post ġewwa Ħal Tarxien li kien mgħoddi lil din l-Għaqda SOAR. Għaqda SOAR

iii.ii Is-Sur Lorry Attard Kunsillier Kunsill Lokali Birgu qal li kien qed jaqbel li l-ħaddiema assenjati mar-Reġjun Xlokk jintbgħatu biex jgħinu skond il-bżonn lil din l-Għaqda. Żied jgħid li inkwantu tal-permessi għall-armar ta' *stall* mingħajr ħlas kellu r-riservi tiegħu għaliex b'dan l-aġir il-Kunsilli kienu ser joħolqu preċedent mal-għaqdiet l-oħra kollha.

iii.iii Il-Membri unanimament qablu li r-Reġjun Xlokk jibgħat lill-ħaddiema assenjati miegħu sabiex jgħinu skond il-bżonn lill-Għaqda SOAR filwaqt li fir-rigward tal-permessi mingħajr ħlas kull Kunsill kellu jiddeċiedi individwalment skond il-ħtieġa u l-każ.

**iv.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Membri tal-Kumitat li d-dokument tas-SUMP kien għadda għand persuni li setgħu jaħdmu fuqu u jgħinuna fih. URBACT

**v.** Il-President informa lill-Kumitat li fir-rigward tal-inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 li kellha tinqasam bejn il-ħames Reġjuni dwar l-għoti mill-ġdid ta' tarmak lill-toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali kienu issa qed jistennew li jiġi ffirmat l-MOU. Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak

**vi.** Il-President Informa lill-Membri fi ħdan il-Kumitat Reġjonali Xlokk li kienu l-Kunsilli ta' Birgu, Bormla, Fgura, Floriana, Kalkara, Paola, Marsaskala, Marsaxlokk, Tarxien, Xgħajra, Zabbar u Zejtun li kienu qablu li r-Reġjun Xlokk jerġa joħroġ tender waħda għal *street lighting*. Żied jispjega l-President li l-Kunsilli tal-Isla u Marsa ma kenux qablu filwaqt li l-Kunsill tal-Belt Valletta anqas biss kien wieġeb. Sadanittant il-President reġa għal darb'oħra thenna li għalkemm kienet ser toħroġ sejħa waħda b'mod reġjonali, kull Kunsill li approva li jssieħeb f'sejħa waħda xorta kien ser jibqa unikament responsabbli mal-kuntrattur li jkun eventwalment magħżul. Tender Street Lighting

**vii.** Il-President nforma lill-Kumitat li l-fondi tal-UIF jidher li l-Planning Authority kienet qabdet u waqfet l-iskema li l-fondi setgħu jintużaw għal resurfacing ta' toroq ġodda. Żied jispjega li kienu għadhom għaddejjin diskussjonijiet sabiex tal-inqas dawk il-Kunsilli li diġa kienu tefgħu l-applikazzjoni sabiex juża dawn il-fondi fuq it-toroq, jitħallew jużawhom għal dan il-għan. Il-President Paul Farrugia qal li sadanittant kienu daħlu wkoll fid-diskussjoni l-AKL u kien ġie deċiż li kellha tinħareġ Cirkulari lill-Kunsilli Lokali kollha. UIF

**viii.** Il-President Paul Farrugia rringrazzja lis-Sinjuri Membri kollha, kemm dawk li kienu attendew kif ukoll dawk li għal xi raġuni jew oħra ma kienux attendew għall-Konferenza Stampa li ttellagħat nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2018 fid-9.30am ġewwa l-uffiċċju tar-Reġjun Xlokk dwar l-operat tar-Reġjun Xlokk b'enfażi partikolari dwar ir-Reachout Centre. Reachout Centre

**viv.** Il-President informa lill-Membri tal-Kumitat li konna rcevejna mingħand id-DLG fejn talbuna sabiex inwaqqfu l-proċess dwar is-sejħa għall-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv mar-Reġjun Xlokk u dan peress li dalwaqt kienet ħierġa s-sejħa għal POOL il-ġdid tas-Segretarji Eżekuttivi prospettivi. Vakanza Segretarju Eżekuttiv

**vv.** Il-President informa lill-Kumitat Reġjonali Xlokk li kien qed iressaq għad-diskussjoni talba sabiex issir DIRECT ORDER REQUEST lill-Ministru għall-żewġ security officers għall-valur ta' €11,333 VAT eskluż. Dawn iż-żewġ security officers kellhom jitpoġġew għassa ġewwa ġnien f'Raħal Ġdid. Il-Kumitat iddiskuta dan il-każ u bi qbil unanimu ddeċidew li timtela u tintbgħat l-applikazzjoni ta' Direct Order lill-Ministru għall-kunsiderazzjoni tiegħu. Direct Order Request

**vvi.** Il-President informa lill-Kumitat Reġjonali Xlokk li fil-preżent il-Kunsilli kienu qed jiġu avviċinati mingħand operatur ġdid li kien ukoll qed joffri s-servizz ta' ġbir u għaldaqstant riċiklar tat-tessuti, żraben, handbags etc. bieb bieb darba fix-xahar. Is-Sindki ta' M'xlokk u Bormla nfurmaw lir-Reġjun li huma kienu diġa qed jagħmlu użu minn dan is-servizz u li kienu jinsabu kuntenti bis-servizz offrut lilhom minn dan il-Kuntrattur. Il-President u Sindku ta' Ħal Tarxien qal li kien għadu kemm temm diskussjonijiet ma' dan l-operatur u li kien wasal fi ftehim miegħu biex jibda joffri dan is-servizz ġewwa Ħal Tarxien għal darba fix-xahar. Riċiklar tat-Tessuti, Żraben, Handbags Etc.

**15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;**

*KUNSILL LOKALI MARSAXLOKK – SINDKU HORACE GAUCI*
*"Wara l-komunikat li kellna l-Kunsilli Lokali mill-ERA rigward il-ġbir ta' skart riċiklabbli, u fid-dawl tal-fatt li GreenMT x'aktarx li se twaqqaf dan is-servizz, x'nistgħu nagħmlu bħala Kunsill Lokali? Nistgħu noħorġu tender bħala Reġjun simili bħal ta' l-iStreet Lightining?"*

**i.** Saret diskussjoni dwar dan mill-Membri tal-Kumitat Reġjonali Xlokk u ġie deċiż sabiex jintalab parir mid-DLG b'mod partikolari għal dawk il-Kunsilli milqugħta.

**15.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa

**15.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 85/2018**

i. L-Iskeda tal-Pagamenti 85/2018 ġew approvati u ġiet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**15.7 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**15.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 18:30hrs

ii. Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar **IL-ĦAMIS 18 TA' OTTUBRU 2018 fil-5:30pm.**

| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
|---|---|
| *Kav. Paul Farrugia* | *Antonella Galea* |
| *President* | *A/ Seg. Eżek* |